MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 53/2014

**Gafa Saveways Limited**

**(C – 15908)**

**u b'digriet datat l-1 ta' Settembru, 2014,**

**jizdiedu l-kliem "Domenic Gafa` (ID 116862 M)**

**u Paulette Gafa` (ID 503386 M) u Antoinette**

**Gafa` (ID 173361 M)**

**vs**

**Avukat Generali, Kummissarju tal-Pulizija,**

**Direttur Generali tal-Qrati Civili u Tribunali,**

**Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja, Kultura**

**u Gvern Lokali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat l-10 ta’ Gunju, 2014, li permezz tieghu, gie sintetikament espost is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet soggettata ghal proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kapacita` taghha ta’ Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

1.2. Illi fl-udjenza tat-18 ta’ Frar, 2014, il-persuni fizici fuq indikati fl-okkju ta’ din il-procedura permezz tad-digriet datat l-1 ta’ Settembru, 2014, kienu akkuzati b’allegazzjoni ta’ xi infrazzjonijiet quddiem il-fuq imsemmija qorti;

1.3. Illi skont il-verbal ta’ l-udjenza *de quo* jirrizulta li kien espressament ritenut li l-akkuzi kienu debitament notifikati bid-data rizervata ghas-smiegh tal-procedura;

1.4. Illi r-rikorrenti odjerni jesprimu d-dubju taghhom fir-rigward;

1.5. Illi l-akkuzati fuq riferiti naqqsu li jattendu ghall-kawza fuq indikata, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel), u *nonostante* dan, il-qorti fuq riferita xorta wahda ghaddiet biex *in absentia* sabet htija kontra l-akkuzati u kkundannathom ghal twissija u twiddiba;

1.6. Illi l-imsemmija udjenza ma jirrizultax li gie dikjarat fil-verbal ta' l-istess li inqrat l-akkuza dedotta kontra l-akkuzati;

1.7. Illi *di piu`*, lanqas jirrizulta li l-istess akkuza giet guramentata jew x'kienu wiegbu l-akkuzati ghall-istess imputazzjoni;

1.8. Illi wkoll, lanqas hemm indikazzjoni jekk instemghux xi xhieda tal-prosekuzzjoni jew li l-istess prosekuzzjoni kienet iddikjarat li m'ghandiex aktar provi x'tipproduci;

1.9. Illi ghalhekk lanqas jirrizulta jekk id-difiza inghatx id-dritt li tressaq xi provi;

1.10. Illi lanqas intqal fuq liema bazi kienet instabet il-htija hekk dikjarata;

1.11. Illi l-process tmexxa fl-assenza ta' l-akkuzati – ezercizzju fih innifsu illegali u mhux permess mill-ligi ta' Malta;

1.12. Illi ma jistax jintqal li s-socjeta` rikorrenti m'appellatx mill-imsemmija sentenza *stante* li l-process in dizamina tmexxa fl-assenza ta' l-akkuzati u allura, dawn ma kienux jafu li l-qorti kienet ghamlet xi haga daqstant illegali u li kienet hekk inghatat sentenza;

1.13. Illi r-rikorrenti saru jafu bl-istess sentenza tramite terzi u meta saru jafu bl-istess, it-terminu ghall-appell kien gia` skada;

1.14. Illi dan l-agir jikkostitwixxi nuqqas ta' smiegh xieraq *stante* li l-qorti ma setghetx tiddeciedi l-kaz fl-assenza ta' l-inputati;

1.15. Illi ghaldaqstant aderew din il-qorti u ghar-ragunijiet premessi jitolbu s-segwenti:

1.15.1. Illi tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrenti kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq kif protett mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

u mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Kapitlu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.15.2. Tordna li s-sentenza moghtija fit-18 ta' Frar, 2014, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Antonia Gafa`, Paulette Gafa` u Domenic Gafa`" mill-qorti fuq indikata tigi dikjarata nulla u bla effett;

1.15.3. Illi jinghataw ir-rimedji xierqa, effettivi u opportuni;

1.15.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta konguntiva tal-intimati bl-eccezzjoni tad-Direttur Generali tal-Qrati, datata d-29 ta' Lulju, 2014, li permezz taghha l-intimati sintetikament wiegbu bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-presenza ta' l-Avukat Generali hi bizzejjed biex jirrapprezenta lill-Gvern ta' Malta f'din il-procedura, u dan, *ai termini* tal-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.2. Illi hu l-Avukat Generali li ghandu r-rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta f'kawzi kostituzzjonali bhal dik in dizamina;

2.3. Illi r-rikorrenti kien misshom ezawrew ir-rimedji ordinarja lilhom moghtija mill-ligi qabel ma introducew il-procedura odjerna *stante* li:

2.3.1. Kellhom id-dritt li jappellaw mis-sentenza in dizamina datata t-18 ta' Frar, 2014;

2.3.2. Proceduri ta’ natura kostituzzjonali m’humiex intizi biex jissosstitwixxu proceduri ordinarji li setghu jigu proposti;

2.3.3. Illi ghalhekk din il-qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha, u dan, *ai termini* ta’ l-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni *de quo* u tal-*proviso* ta’ l-artiklu 4(2) tal-Kap 319 fuq gia` riferit;

2.4. Illi riferibbilment ghall-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghandu jinghad li akkuzat mghandu l-ebda jedd li jkun prezenti u partecipi fil-proceduri kriminali kondotti kontra tieghu, *stante* li dan mhux principju assolut;

2.5. Illi m’hemm xejn inkompatibbli li xi hadd jircievi sentenza *in absentia*;

2.6. Illi *di piu`*, jekk il-partijiet jonqsu li jaghmlu uzu mill-opportunitajiet li taghtihom il-ligi, ma jistghux sussegwentement jilmentaw li ma jkunux inghataw smiegh xieraq skont il-ligi;

2.7. Illi kienu l-istess akkuzati li cahdu lilhom infushom milli jiddefendu l-kaz taghhom fl-imsemmija qorti meta minn rajhom iddecidew li jinjoraw it-tahrika u ma jattendux ghall-udjenza ffissata;

2.8. Illi jinghad ukoll li l-akkuzati ghazlu wkoll li ma jappellawx mill-istess sentenza u konsegwentement japplika l-principju: *“nemo auditur propriam turpitudinem allegans”*;

2.9. Illi ghalhekk jitolbu li din il-qorti:

2.9.1. Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

2.9.2. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.0. Rat ir-risposta tad-Direttur Generali tal-Qrati datata it-30 ta' Lulju, 2014, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

3.1. Illi mhux il-legittimu kontradittur;

3.2. Illi ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3.3. Illi r-rikorrenti m'humiex jallegaw li l-allegat ksur ta' dritt ghal smiegh xieraq ghal xi att attribwibbli lill-intimat odjern bhala rapprezentant tal-amministrazzjoni tal-qrati;

3.4. Illi azzjoni bhal dik in dizamina hi cirkoskritta mill-artiklu 181B(2) tal-Kap 12 fuq riferit;

3.5. Illi l-intimat *de quo* ma kellu l-ebda kontroll fuq il-procedura in dizamina;

3.6. Illi l-procedura intrapriza mir-rikorrenti hi monka *stante* li jekk kien hemm xi ksur ta' drittijiet fundamentali,

dawn gew subiti mill-imputati Gafa` fuq indikati u mhux mis-socjeta` rikorrenti;

3.7. Salv eccezzjonijiet ohra;

3.8. Illi ghalhekk l-intimat *de quo* jitlob li din il-qorti:

3.8.1. Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

3.8.2. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha datat l-31 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 22);

5. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Settembru, 2014, (ara foll 26), li permezz tieghu wara rikors appozitu datat l-14 t'Awwissu, 2014, (ara foll 23), u risposti ghall-istess datati l-25 t'Awwissu, 2014, (ara foll 25), u l-10 ta' Settembru, 2014, (ara foll 33), awtorizzat il-korrezzjoni mitluba *ai termini* ta' l-artiklu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimati bl-eccezzjoni tad-Direttur Generali intimat datata l-3 ta' Novembru, 2014, (ara foll 34), u dik tar-rikorrenti datata l-4 ta' Mejju, 2015, (ara foll 60);

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluz l-inkartament tal-kawza meritu tal-procedura odjerna;

8. Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet:

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-lanjanza sollevata mir-rikorrenti tista` tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

9.1. Illi kollox jippernja fuq il-procedura rilevata fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Antonia Gafa` et u fid-decizjoni konsegwenzjali ghall-istess, datata t-18 ta' Frar, 2014;

9.2. Illi skont il-verbal fl-atti in dizamina jirrizulta s-segwenti: (ara foll 58)

9.2.1. Illi meta ssejhet il-kawza fl-udjenza in dizamina dehru r-rapprezentanti legali tad-Dipartiment ikkoncernat flimkien ma rapprezentanti tal-Prosekuzzjoni hemm imsemmijin, (ara foll 58);

9.2.2 . Illi meta ssejhu l-imputati dawn ma dehrux;

9.2.3. Illi gie kkonstatat li r-riferti tan-notifiki ta' l-imputati kienu posittivi, (ara foll 55 sa 57);

9.2.4. Illi dehru wkoll il-parti civili, (ara foll 58);

9.2.5. Illi giet deciza l-kawza "R & A", (ara foll 58);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi konstatat is-suespost, analizi ta’ l-istess procedura jindika s-segwenti:

10.1. Illi ghalkemm debitament notifikati, (ara foll 55 sa 57), l-imputati naqqsu li jidhru biex jiddefendu lilhom infushom fil-procedura *de* quo, (ara foll 58);

10.2. Illi ma jirrizultax li ngabru l-provi tal-prosekuzzjoni li setghu jitfghu xi dawl fuq ir-reita` ta’ xi azzjoni ta’ l-imputati;

10.3. Illi l-ebda motivazzjoni ma tirrizulta li giet proskritta bhala l-bazi ta’ l-istess decizjoni;

10.4. Illi lanqas gew indikati xi artikli ta’ xi ligi appozita li fuqhom hi bbazata l-istess decizjoni riskontrata;

Ikkunsidrat:

11. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-procedura riskontrata ma tirrizultax li hi konformi mall-precetti statutorjament postulati biex jissodisfaw lic-cittadin li l-procedura in dizamina indirizzata fil-konfront tieghu saret skont il-ligi u li allura tissodisfa l-*istandards* minimi rikjesti ghall-proceduri ta’ din in-natura;

12. Illi in effetti, dak riprodott fil-verbal a foll 58 lanqas biss jikkwalifika bhala ***sentenza*** skont il-ligi u ghandu jkun

pacifiku li dak hemm riprodott hu biss ***verbal*** riproducenti dak li effettivament sar fil-procedura in dizamina;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi tenut kont tal-fatti rizultanti mill-procedura fuq sintetikament esposta, r-risposti komplessivi ta' l-intimati jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

13.1. A. Il-kwistjoni tar-rapprezentanza tal-Gvern;

13.2. B. Il-kwistjoni tar-rimedju ordinarju;

13.3.C. L-allegat ksur ta' l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u kif dan hu rifless fil-ligijiet l-ohra fuq gia` riferiti;

Ikkunsidrat:

14.0. ***A. Ir-Raprezentanza tal-Gvern fi procedura ta' din ix-xorta***:

14.1. Illi in effetti, l-artiklu 181B tal-Kap 12 fuq riferit jirrisolvi l-lanjanza ta' l-intimati bi kjarezza;

14.2. Illi hu allura stabbilit li generalment ir-rapprezentanza tal-Gvern fl-azzjonijiet gudizzjarji taqa` fuq il-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat bil-materja in kwistjoni;

14.3. Illi pero`, "... f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern", allura ir-rapprezentanza tal-Gvern taqa` fuq l-Avukat Generali;

14.4. Illi mill-ezami tal-fatti kif fuq sintetikament epurati jirrizulta li kif gia` rilevat mill-***Qorti Kostituzzjonali*** fis-sentenza fl-ismijiet *Mark Lombardo et vs. Kunsill Lokali Fgura* datata is-*7 ta' Ottubru, 2005*, u sottolineat mill-abbli rapprezentant legali tad-Direttur Generali intimat, (ara foll 16):

> "Ir-Registratur ma jirrapprezentax lill-Qrati ... anzi, bil-kuntrarju, huwa jiehu l-ordnijiet min ghandhom skont il-ligi - u hu mhux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati";

14.5. Illi fil-kaz in dizamina l-procedura *de quo* tinkwadra bhala att jew azzjoni gudizzjarja li ma tistax tigi diretta kontra l-kapijiet tad-dipartimenti tal-Gvern indirizzati hlief kontra l-Avukat Generali;

14.6. Illi konsegwentement, ir-risposti ta' l-intimati fir-rigward qed jigu akkolti u ghalhekk:

14.6.1. Illi l-intimati kollha, bl-eccezzjoni ta' l-intimat Avukat Generali, mhumiex il-legittimi kontradittturi;

14.6.2. Illi allura, l-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Direttur Generali tal-Qrati u Tribunali

u l-Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali, bhala persuni li m'ghandhom l-ebda relazzjoni mall-procedura riskontrata fil-Qorti tal-Magistrati fuq riferita, qed jigu lkoll liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

15.0. ***B. Ir-Rimedju Ordinarju***:

15.1. Illi f'dan ir-rigward jigi sintetikament sottolineat is-segwenti:

15.1.1. Illi l-procedura odjerna hi ppernjata fuq il-fatt li l-kontendenti qeghdin ilkoll jassumu li *stante* li fil-verbal tal-Qorti tal-Magistrati datat it-18 ta' Frar, 2014, hemm indikat li ***"Il-kawza deciza R & A"***, din hi awtomatikament ekwivalenti ghal sentenza skont il-ligi;

15.1.2. Illi r-rekwiziti ghall-ezistenza ta' sentenza vera u proprja huma dawk kif stabbiliti mill-artiklu 382 tal-Kodici Kriminali:

> "Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artiklu ta' dan il-Kodici jew ta kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat";

15.1.3. Illi ghandu jkun manifestament pacifiku li l-kliem "Il-kawza deciza R & A", ma jistghu qatt jikkwalifikaw bhala "sentenza" regolari kif kontemplata fid-dawl ta' l-artiklu 382 tal-Kodici Kriminali fuq riprodott *stante* li din:

15.1.3.i. La tghid il-fatti li taghhom instabu hatja l-akkuzati in dizamina;

15.1.3.ii. Lanqas tindika bi precizjoni l-artikli tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra kkontemplata fir-reat ippostulat;

15.2. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-fatti li jirrizultaw jindikaw li l-verbal in dizamina datat it-18 ta' Frar, 2014, (ara foll 58), ma jammontax ghal sentenza kif kontemplata mill-ligi *stante* li karenti:

15.2.1. Mill-fatti li setghu gew analizzati u;

15.2.2. Mill-artikli tal-ligijiet involuti kif espressament statutorjament rikjest;

15.3. Illi ghalhekk l-intimati jirrizultaw li huma legittimament dizorjentati fl-ghazla tar-rimedju li jistghu jippreferu biex jattakkaw tali indikazzjoni kurjali in dizamina;

15.4. Illi konsegwentement, l-uniku rimedju logikament rimanenti lir-rikorrenti biex jattakkaw l-imsemmi operat tal-Qorti tal-Magistrati hu effettivament dak kif kontemplat fil-Kostituzzjoni ta' Malta senjatament dak kif intrapriz mill-istess rikorrenti odjerni f'din il-procedura;

15.5. Illi konsegwentement, din ir-risposta ta' l-intimati qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

16.0. ***C. Smiegh Xieraq***

16.1. Illi f'dan ir-rigward jigi sottolineat sintetikament is-segwenti:

16.1.1. Illi skont l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jirrifletti l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporat fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, r-rekwiziti meqjusa essenzjali ghall-amministrazzjoni xierqa tal-gustizzja, hemm elenkati numru ta' rekwiziti meqjusa essenzjali biex jintlahaq dan l-iskop, fosthom senjatament:

16.1.1.i. Access ghall-procedura serja;

16.1.1.ii. Liema procedura jkollha l-attributi kollha li tassigura l-possibilita` ta' ri-ezami gudizzjarju indipendenti;

16.2. Illi ghalhekk l-access ghall-forum gudizzjarju ghandu jkun assigurat b'mod attwali kemm *proceduralment* u kif ukoll b'mod *sostantiv*, u mhux semplicement b'mod *formalistiku*;

16.3. Illi fil-procedura kriminali in dizamina jirrizulta li l-imputati kienu debitament notifikati izda ma dehrux fil-gurnata u hin appuntati ghall-kawza, (ara foll 55 sa 57);

16.4. Illi fih innifsu dan in-nuqqas tal-imputati ma jwassalx biex il-kawza titkompla u tigi deciza, u hu ghalhekk s'issa rikjest li l-procedura titmexxa b'mod differenti minn dawk kif jirrizulta li tmexxiet;

16.5. Illi sa dak il-mument, munita bir-riferta posittiva tan-notifika tal-inputati, il-Prosekuzzjoni setghet biss titlob li l-istess inputati jitressqu b'arrest fil-qorti f'seduta ohra appozitament stabbilita;

16.6. Illi hu pacifiku li din il-procedura indikata fil-paragrafu precedenti ma sehhitx;

16.7. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku wkoll li l-operat riskonstrat u fuq sintetikament elenkat hu effettivament ekwivalenti ghall-karenza procedurali gravi fil-konfront tar-rikorrenti li kkontaminat il-kumplament ta' l-"*iter*"

procedurali u li tghajjat ghal rimedju effettiv immedjat biex tirraddrizza l-akkadut fl-interess tal-gustizzja;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta assodat li r-rekwiziti kontemplati mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporat fil-Kap 319 fuq riferit, huma debitament sodisfatti, *stante* li:

17.1. Il-procedura statutorjament stabbilita biex tigi kondotta kawza ta' natura kriminali kontra inputat ma tirrizultax li giet debitament ezegwita;

17.2. Bl-istess operat l-imputati gew privi mill-possibilita` tar-ri-ezami minn qorti ohra indipendenti, billi *stante* li l-imputati rikorrenti odjerni lanqas biss kienu konxji tad-decizjonijiet mehuda kontra taghhom, lanqas kienu f'posizzjoni li jipprotegu d-drittijiet taghhom fir-rigward;

17.3. *Nonostante* s-suespost, tifhem is-sens t'urgenza tal-Qorti tal-Magistrati biex tespleta l-inkarigu lilha moghti bi speditezza, pero` fl-istess hin ghandu wkoll ikun pacifiku ir-raguni ghall-ispeditezza m'ghandha qatt tissupera l-garanzija ta' l-operat rett tal-procedura fit-termini tal-parametri legali skont il-ligi li in effetti hi ekwivalenti ghall-attwazzjoni vera tas-sovranita` tad-dritt fuq id-diskrezzjoni illegittima;

Ikkunsidrat:

18. Illi fl-esekuzzjoni ta' l -oneru taghha li twettaq id-disposizzjonijiet protettivi in dizamina kommunament u semplicistikament meqjusa bhala "drittijiet fundamentali tal-bniedem", din il-qorti ghandha, *ai termini* ta' l-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

> "... gurisdizzjoni originali li tisma` u tiddeciedi kull talba maghmula min xi persuna ... u tista` taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun
>
> intitolata dik il-persuna;

19. Illi ghalhekk, stabbilit li bl-operat in dizamina gie lez id-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq skont il-Kostituzzjoni u Konvenzjoni *de quo*, analizi ta' x'ghandu jkun ir-rimedju opportun hu issa essenzjali;

Ikkunsidrat:

20. Illi r-rimedju ovvju hu semplicement dak li fic-cirkostanzi li jirrizultaw jinghata rimedju pekunjarju favur ir-rikorrenti;

21. Illi ghandu jinghad li f'dan il-kaz jekk isir hekk din il-qorti tkun qed tekwipara valur pekunjarju ghall-ingustizzja gravi li sehhet fil-konfront tar-rikorrenti konsistenti fil-fatt li verbal qed jittiehed bhala sentenza;

22. Illi din il-qorti tqis dan ir-rimedju bhala wiehed inadegwat, anzi repunjanti, li ma jattwax dik il-gustizzja rikjesta mill-procedura odjerna fil-konfront tar-rikorrenti u jservi biss biex jitfa` piz finanzjarju indebitu fuq ic-cittadin inermi li jhallas it-taxxi kollha minnu dovuti u li ghalhekk m'ghandux jigi ppenalizzat b'tali rimedju;

23. Illi finalment ghandu jkun pacifiku li procedura bhal dik riskontrata hawn in dizamina ghandha tkun evitata *stante* li titfa dawl ikrah fuq l-operaturi kollha involuti, inkluzi l-istess rikorrenti;

24. Illi *nonostante* dan, u tenut kont tal-fatt li l-verbal tat-18 ta' Frar, 2014, mhux qed jigi meqjus bhala *"sentenza"* skont il-ligi minn din il-qorti, rimedju serju u adegwat hu meqjus indispensabbli ghall-attwazzjoni tal-gustizzja kif hawn rikjesta;

**DECIDE:**

25.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li fil-mertu r-rikorrenti pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u dan pero` limitatament ghal dak precedentement espress fil-konfront ta' l-ewwel eccezzjoni preliminari kif sollevata mill-intimati, u konsegwentement:

25.1. Tiddikjara li l-uniku legittimu kontradittur f'din il-procedura hu l-Avukat Generali;

25.2. Tillibera ghalhekk lill-intimati l-ohra kollha fuq indikati mill-osservanza tal-gudizzju;

25.3. Tiddikjara li l-operat tal-qorti in dizamina fejn verbal taghha qieghed jitqies ekwivalenti ghal sentenza, jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq tar-rikorrenti kif protett fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporat fil- Kapitlu 319 tal-ligijiet ta' Malta;

25.4. Tordna li in forza ta' l-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dak indikat fil-*verbal* tal-Qorti tal-Magistrati datat it-18 ta' Frar, 2014, mhux ekwivalenti ghal *sentenza* skont il-ligi, u konsegwentement, bhala rimedju effettiv fir-rigward:

25.4.1. Tordna li l-procedura hemm indikata tinstema mill-gdid biex din id-darba tigi mmexxija skont il-ligi, sal-konkluzjoni lecita taghha;

25.4.2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------